Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR MELVYN CAMILLERI) V. MUHAMED ABDIRAHMAN AHMED (NRU TAL-PULIZIJA 25621)

MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**16 ta' Lulju 2021**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Muhamed Abdirahman Ahmed, ta 30 sena, imwieled Mogadishu, is-Somalja, nhar l-1 ta'Jannar 1991, mingħajr indirizz fiss, detentur tan-numru t'identifikazzjoni 25621 ("l-Imputat" jew "id-Difiża"),

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Melvyn Camilleri,
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Ramon Bonett Sladden,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputat taħt arrest bis-segwenti imputazzjonijiet u ċioe talli f'Ħal Għaxaq u/jew fl bnadi oħra f'Malta, nhar l-24 t' April 2021, għall-ħabta tas-sagħtejn nieqes għoxrin minuta ta' filgħodu:

    1. Bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan b'atti esterni u ta' bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt billi ittanta li jisraq minn vetturi f diversi toroq, liema reat ma ġiex eżegwit minħabba xi haġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu u

liema attentat huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-ħin u bin-natura tal-ħaġa misruqa (Kap. 9, Art. 43, Art. 263, Art. 267, Art. 270, Art. 271),

2. Irrifjuta jagħti jew ta' fil-falz, lil uffiċjal pubbliku, jew lil wieħed ieħor inkarigat minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel dmirijietu, ismu, kunjomu, fejn joqgħod u partikularitajiet oħra (Kap. 9, Art. 338(g)),

3. Ma obdiex ordnijiet leġittimi ta' awtorità jew ta' wieħed inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħalliehx jew fixkel il-qadi ta' dmirijietu (Kap. 9, Art. 338(ee));

4. Bil-lejl, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew mod ieħor (Kap. 9, Art. 338(m)).

**Provi mressqa mill-Prosekuzzjoni**

2. Il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda:

    1. L-**Ispettur Melvyn Camilleri**, **PC 2245 Michael Costa’** u **PC 1225 Rodney Zammit** li xehdu fis-seduta tas-7 ta’ Mejju 2021 u

    2. **PC 2243 Mary Grace Farrugia** u **Francois Borg** li xehdu fis-seduta tal-14 ta’ Mejju 2021,

3. Fis-seduta tas-7 ta’ Mejju 2021, l-**Ispettur Melvyn Camilleri** xehed illi nhar l-24 t'April 2021 għall-ħabta tas-sagħtejn ta ' filgħodu (02:00) ġie infurmat li ftit qabel għall-ħabta tas-sagħtejn neqsin għoxrin (01:40) il-Pulizija fl-Għassa taż-Żejtun kienu nfurmati mill-control room tal-Pulizija li kien hemm żewġ persuni bid-dwal jew torċ f’idejhom lebsin skur iduru fl-inħawi ta' Ħal Għaxaq iħarsu lejn il-karozzi u jimmiraw id-dawl għal ġo fihom. Immedjatament ħarġet ronda tal-pulizija bi tlett pulizija: PC 1225, 2243 u 2245. Dawn lemħu żewġ persuni li kienu jidhru ta ' karnaġġjon skur iduru fl-area li jgħidulha ta' Triq il-Qattus. Innutaw dawn iż-żewġ persuni li kellhom torċ jew it-torċ tal-mowbajl jixgħel u waqqfuhom pero' wiehed minnhom żgiċċa però l-ieħor li rriżulta Ii kien l- imputat kien għad kellu it-torċ tal-mowbajl jixgħel f’idejh u sabuh ukoll b'tumavit u rawh iħares lejn il-karozzi. Sussegwentament dan ġie arrestat u ttieħed l-Għassa taż-Żejtun fejn ġie mitkellem mill-istess Spettur u rrilaxxa stqarrija wara li ngħata d-drittijiet skond il-liġi. Huwa tkellem bil-lingwa Ingliża u qallu li jismu Abdul Karim Barre, li huwa mis-Somalja u li twieled fis-7 ta' Mejju 1998.

4. Mistoqsi mill-Qorti dwar jekk l-imputat kienx tah xi dokumentazzjoni biex jidentifika ruħu l-Ispettur wieġeb hekk:

   *"Qorti: Mela, biex ħadtu isem l-imputat urikom xi dokumentazzjoni?*

   *Melvyn Camilleri: Mela, wara ħafna nippruvaw infittxu l-isem eżatti tal-imputat irriżulta mir-records tas-sezzjoni tal-Immigrazzjoni tal-Pulizija li dan filfatt kien jismu Muhamed Abdirahman Ahmed.*

   *Qorti: Ok. Pero' dak inhar tal-istqarrija biex ħadtu l-isem Abdul Karim Barre dak minn fejn ġibtuh dak l-isem?*

   *Melvyn Camilleri: Mela, Abdul Karim Barre qalilna li jismu hekk u filfatt waħda jekk tippermettili l-Qorti fl- affarijiet Ii nstabu fuq is- Sinjur, fuq l-imputat apparti I-mowbajl u t-tumavit ukoll, instabet tal-linja card li taqra Abdul Karim Barre u fiha ritratt tal-imputat. Filfatt l-isem Abdul Karim Barre minn hemm ġie. Mistoqsija għalfejn kien hemm din id-diskrepanza fl-isem u għalfejn lill-Pulizija kien tahom l-isem ta' Muhamed Abdiraham Ahmed (sic!) u fuq il-card tal-linja kien hemm Abdul Karim Barre ma' spjegalix x'inhi r-raġuni. Imma ġie kkonfermat li hu min-naħa tal-Immigrazzjoni..."*

5. L-istess Spettur esebixxa ukoll *inter alia* żewġ dokumenti, ċioe Dok MC2 li hija "*Tal-Linja Card*" maħruġa mill-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta lil ċertu Abdikarim Barre bir-ritratt ta' persuna, kif ukoll Dok MC3 li hija *card* oħra maħruġa minn MSC Splendida lil ċertu Abdi Karim Barre.

6. Fl-istess seduta xehed **PC 2245 Michael Costa'** li qal hekk:

   *"Fl- 24 t' April ta' din is- sena, 2021, kont night shift. Ghas-saghtejn neqsin ghoxrin ta' filghodu (0 l :40) nircievu call minn gewwa l-control room id- Depo illi gewwa Hal Ghaxaq, gewwa Triq ii- Qattus hemm zewg persuni ta' kamaggjon skur qeghdin bid-dawl f idejhom jaraw gewwa karozzi. Ahna minnufih moma fuq il- post gewwa l-istess triq imsemmija. X' hin wasalna fi Triq il-Qattus insibu r-residenti barra kulhadd jigifieri mbezza' ghax kien hemm resident kien hemm il- mara tieghu rathom u l- istess diskrezzjoni taqbel ma' tal- control room li kienu bil- hoodie u kienu lebsin ilbies iswed. Sewwa? U qaltilna wkoll ta' karnaggjon skur. Ir-ragel taghha kellimna aħna. Minn hemmhekk komplejna l-patrol taghna gewwa Hal Ghaxaq. X' hin wasalna gewwa t- Triq Guzeppi Gravina nduru l-kantuniera taghha u*

*nilmhu zewg min- nies l-istess ta' karnaggjon skur liebsin skur bid-dawl f idhom...U x' hin rajnihom ahna jigifieri bid-dawl f'idejhom qeghdin iharsu lejn il-vetturi x' hin rawna li ahna b' tas- servizz ahna fil- karozza ma kellnix il-beacons, la sireni u xejn. Just id-dim tal- karozza. X' hin rawna u saqsejnihom jekk ghandhomx bzonn xi ghajnuna biex bdejna nkellmuhom harbu jigri kemm felhu dawn. Jiena sa fejn naf jiena tara pulizija tkun komdu titkellem mieghu mhux tahrab tigri. Issa minn hemm 'l hemm kollega tieghi PC 1225 hareg mill- vettura, beda jigri u jien ghamilt bhalu. Jien iffolowjajt wiehed minnhom li illum mhuwiex hawnhekk u lahaq harabli. U l- kollega tieghi PC 1225 dar go Triq il-Palma gewwa Hal Ghaxaq u* ***qabad lil Abdil Karim Barre*** *(emfasi miżjuda mill-Qorti). Jien sadanittant tlift lil siehbu li kien qieghed mieghu kollega tieghu u x' hin indur jiena nara diga l-kollega tieghi PC 1225 u kien hemm PC 2243 jaghmlu l- arrest tal- imsemmi. Tajnih it- twissija u d- drittijiet tieghu ahna min- naha taghna.*

*... wasalna l-Għassa ... imbagħad ġie s-Surġent (sic!) u kompla jagħmel l- investigazzjoni hu"*

7. Fl-istess seduta ukoll xehed **<u>PC 1225 Rodney Zammit</u>** li xi ftit jew wisq ikkonferma dak li xehed PC 2245 Michael Costa' li kien qed jakkumpanjah (flimkien ma' PC 2243 Mary Grace Farrugia) meta marru Ħal Għaxaq bil-vettura biex iwieġbu għas-sejħa li kienet saret lill-Pulizija. Fir-rigward ta' dak li kien seħħ meta allegatament qabdu lill-imputat huwa xehed kif ġej:

*"Minnufih komplejna bir-ronda fejn morna Triq Guzeppe Gravina. Morna f'din it- triq ghax sebat ijiem qabel dahlulna seba' (7) rapporti ta ' serq f din it- triq u bdejna minn fejn bdew dawn is- serq. Kif konna ghaddejjin gewwa din it- triq rajna zewg persuni bid- deskrizzjoni kif tawna l-control room tal- pulizija kif ukoll ix-xhieda (sic!) jharsu b' dawl f'idhom gol-karozzi. Meta gew avvicinati dawn il- persuni u raw il- karozza tas- servizz qabdu jigru. B ' hekk ftaht il-bieba u qbadt nigri warajhom u kien hemm dahla fuq il-lemin dahlu fiha u sseparaw dawn. Kien hemm wiehed minnhom issuspettat,* ***li qed naghrfu hawnhekk*** *(emfasi miżjuda) dahalli go din it- triq, zelaq kien hemm borza tal- iskart sewda, zelaq fiha waqa' darbtejn u hekk stajt nilhqu. Arrestajtu, gie moghti s- solita twissijiet u d- drittijiet u staqsejtu ghala kif ra l-pulizija harab, fejn ghazel Ii ma jirrispondix. Dahhalnih fil- vettura tas- servizz ...*
*hadnih l-ghassa taz- Zejtun fejn hemmhekk setghet issirlu search ahjar ... Minn hemmhekk bdiet issirlu l-interrogazzjoni fejn ghall- ewwel dan ghazel li ma' jwiegeb xejn imma waqt li ccekjajtlu l-mowbajl sew, ftahtlu l- cover, sibtlu tal- linja card kif ukoll karta tal- MSC. Minn hemmhekk qalilna li* ***jismu Abdul Karim*** *(emfasi miżjuda)*

*u Somalu. Meta saqsejtu fejn joqghod qalli jiena homeless. lmma wara xi zewg minuti qalli joqghod Hal Far ...”*

8. Fis-seduta tal-14 ta’ Mejju 2021 xehdet **PC 2243 Mary Grace Farrugia** li kienet qed takkumpanja lil PC 2245 Michael Costa’ u lil PC 1225 Rodney Zammit meta allegatament ġie arrestat l-imputat. Meta ġiet mistoqsija jekk kienetx qed tagħraf fl-awla lill-persuna li kien ġie arrestat hija identifikat lill-imputat bħala din il-persuna.

9. Fl-istess seduta xehed l-aħħar xhud tal-Prosekuzzjoni, **Francois Borg** li spjega kif huwa għadda lill-Pulizija fuq SD card, filmati meħuda mis-CCTV *cameras* li għandu fil-proprjeta’ tiegħu u li fuqhom kienu jidhru żewġ persuni jittawlu f’’diversi karozzi bid-dawl f’idejhom fil-ġurnata, ħin u lok in kwistjoni. Dawn il-filmati ġew esebiti bħala Dok MC5.

10. L-imputat ma’ xehedx u ma’ ressaq l-ebda provi.

**Kunsiderazzjonijiet dwar ħtija**

11. Il-Qorti għandha quddiemha diversi provi li kollha kemm huma jippuntaw subajhom lejn ċertu Abdul Karim Barre bħala l-persuna li kien wieħed minn tnejn illi fil-ġurnata, ħin u lok in kwistjoni, b’atti esterni taw bidu għall-eżekuzzjoni ta’ delitt billi ttantaw jisirqu minn vetturi f diversi toroq, liema reat ma ġiex eżegwit minħabba xi haġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tagħhom.

12. Id-dokumenti misjuba fil-pussess tal-imputat jgħajjtu lil ċertu Abdul Karim Barre. Kemm PC 1225 Rodney Zammit u kif ukoll PC 2243 Mary Grace Farrugia kkonfermaw fl-awla illi l-persuna li kienu qabdu fit-triq u li kien ġie arrestat huwa l-imputat, jew aħjar l-istess persuna li matul is-seduta kien bilwieqfa fl-iżbarra. L-istqarrija tal-imputat ġiet rilaxxata minn ċertu Abdul Karim Barre.

13. F’dan ir-rigward l-Ispettur Melvyn Camilleri xehed illi wara li l-Pulizija għamlet diversi tfittxijiet l-isem eżatt tal-imputat ħareġ minn *records* tas-sezzjoni tal-Immigrazzjoni tal-Pulizija bħala **Muhamed Abdirahman Ahmed**.

14. L-unika dokument fil-proċess li juri l-isem Muhamed Abdirahman Ahmed huwa dak a fol 7 u li ġie mmarkat mill-istess Spettur bħala “*True copy of records*”. X’inhuwa eżattament dan id-dokument pero m’huwiex ċar u ma’ ngabu l-ebda provi fir-rigward tiegħu. Fuq id-dokument hemm ritratt ta’ persuna ta’ karnaġġjon skur u

hemm *inter alia* indikat illi dan huwa ċertu Muhamed Abdirahman Ahmed imwieled Mogadishu, Somalja fl-1 ta' Jannar 1991 u li jġorr in-numru tal-pulizija 25621

15. Kif sew ġie rilevat mill-avukat tad-difiża fit-trattazjoni tiegħu, il-Prosekuzzjoni ma' ressqet l-ebda xhud (fosthom rappreżentanti tas-sezzjoni tal-Immigrazzjoni fi ħdan il-korp tal-Pulizija, ta' Identity Malta jew tal-Kummissarju tar-Refuġjati) sabiex jikkonferma illi l-imputat tabilħaqq huwa Muhamed Abdirahman Ahmed u mhux Abdul Karim Barre. Żgur m'huwiex il-każ li din il-prova setgħet titressaq b'mod konklussiv minn sempliċi ritratt iswed u abjad fuq dokument li anqas huwa ċar minn fejn joriġina.

16. Il-Qorti għandha iżjed minn dubbju raġjonevoli dwar jekk l-imputat li tressaq quddiemha huwiex filfatt Muhamed Abdirahman Ahmed jew Abdul Karim Barre. Fin-nuqqas ta' prova suffiċjenti fuq fatt daqstant importanti l-Qorti m'għanda l-ebda triq quddiemha ħlief li tillibera lill-imputat fuq nuqqas ta' provi.

**Deċiżjoni**

17. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni u ħtija minħabba nuqqas ta' provi.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |